MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2740/1996/1

**Joseph LIA**

**vs**

**Carmel BUTTIĠIEĠ**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Settembru, 1996, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut jinsab debitur versu l-attur fis-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira (Lm4,600) rappreżentanti import ta' kambjala ffirmata u aċċettata mill-konvenut li skadiet fil-25 t'Ottubru 1991 (Dok. "A") mingħajr ma tħallset, liema dejn hu ċert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenut nonostante li ġie interpellat sabiex iħallas baqa' inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-atturi l-konvenut m’għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attriċi;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ erbat elef u sitt mitt lira (Lm4,600) rappreżentanti import ta’ kambjala iffirmata u aċċettata mill-konvenut li skadiet fil-25 t’Ottubru 1991 (Dok. “A”) mingħajr ma tħallset;

Bl-imgħaxijiet kummerċjali mill-25 t’Ottubru 1991 u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta’ sekwestru ippreżentat kontestwalment kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument u mal-affidavit mehmuża magħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta’ Settembru, 1996[1], u x-xhieda mogħtija mill-imħarrek waqt dak is-smigħ[2];

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta’ Settembru, 1996, li bih ħalliet lill-imħarrek irressaq eċċezzjonijiet għat-talba attriċi;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta’ Ottubru, 1996, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kambjala li għab-bażi tagħha qiegħed jipproċedi l-attur hija nulla peress li l-firma ta’ l-eċċipjent hija falza;

[1] Paġġ. 13-4 tal-proċess
[2] Paġ. 10 tal-proċess

2. Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-eċċipjent mhuwiex debitur ta' l-attur stante li ma tezisti l-ebda *causa obligationis;*

Salve eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ottubru, 1996, li bih ħatret lil Joseph Gaffiero bħala espert kalligrafu;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmi Joseph Gaffiero fis-16 ta' Ottubru, 1997[3], minnu maħluf waqt is-smigħ tas-26 ta' Novembru, 1997;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Frar, 1998, li bih u fuq talba tal-imħarrek ħatret esperti kalligrafi addizjonali;

Rat l-atti tar-Rikors imressaq minn Dr. Anthony Abela-Mediċi relattiva għall-ħatra msemmija;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Frar, 2000, li bih ħatret lil Martin Bajada u Ivan Formosa bħala esperti kalligrafi addizzjonali[4], liema degriet ġie mibdul u limitat biss għall-ħatra ta' Martin Bajada, b'degriet tat-12 ta' Ġunju, 2002,[5] wara li irriżulta li l-persuna l-oħra ma baqgħetx tgħix iżjed f'Malta;

Rat id-Degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2003[6], li bih u minħabba li l-imħarrek naqas li jħallas id-drittijiet kollha tar-rapport addizzjonali mressaq minn Martin Bajada u għall-finijiet tal-artikolu 670(b) tal-Kap 12, ordnat li l-kawża

---

[3] Paġġ. 31 sa 55 tal-proċess
[4] Paġ. 77 tal-proċess
[5] Paġ. 89 tal-proċess
[6] Paġ. 97 tal-proċess

tkompli tinstama' mingħajr ma tieħu qies tal-imsemmi rapport addizzjonali;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2003, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni kambjarja. L-attur jgħid li huwa kreditur tal-imħarrek għas-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltija (Lm 4,600) import ta' kambjala aċċettata mill-istess imħarrek u li immaturat bla ma tħallset. Normalment, azzjoni bħal din hija waħda li m'għandhiex tieħu bosta ħin lill-Qorti. Kemm hu hekk inbdiet ukoll bil-proċedura sommarja speċjali;

Illi, madankollu, l-imħarrek laqa' għal din l-azzjoni billi xela li l-firma magħmula mill-aċċettant fuq il-kambjala ma kinitx tiegħu, u għalhekk il-kambjala ma kinitx tiswa. Huwa laqa' wkoll billi qal li m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex ma kienx hemm kawża ta' obbligazzjoni;

Illi minħabba f'din ix-xilja tal-imħarrek, il-kawża ħadet snin biex tasal għat-tmiem tagħha, iżda kienet xilja serja biżżejjed biex tistħoqq li tiġi eżaminata kif imiss. L-imħarrek ħalef li l-firma fuq il-kambjala m'hijiex tiegħu, għalkemm tixbahha. Seħaq li hu qatt ma iffirma kambjali jew kitbiet oħrajn[7]. L-espert tal-kitba maħtur mill-Qorti kien ta' fehma oħra u ma sabhiex ħaġa iebsa li jasal għall-konklużjoni li l-firma tal-aċċettant fuq il-kambjala kienet dik tal-imħarrek. Dan wasal għaliha billi qabbel għaxar (10)

[7] Xhieda Carmel Buttiġieġ 25.9.1996, f'paġ. 10 tal-proċess

firem kampjun[8] li l-imħarrek intalab mill-istess espert li jagħmel quddiemu ma’ firem oħrajn li l-imħarrek għamel fuq dokumenti pubbliċi[9] u korrispondenza privata[10], u minn dak it-tqabbil xebbah il-firma fuq il-kambjala[11] mertu tal-każ;

Illi tressqu provi wkoll[12] li l-kambjala ġiet iffirmata mill-imħarrek quddiem il-persuna li ħarġet il-kambjala nnifisha;

Illi bil-liġi[13] u b’ħarsien tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit maħtur minnha kontra l-konvinċiment tagħha nfisha. Fehmiet bħal dawk m’għandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet għall-ħatra ta’ periti addizzjonali, tiġi mwarrba kif ġieb u laħaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfaċentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli[14]. F’dan il-każ, iżda, l-fehma tal-espert maħtur mill-Qorti hija fehma dwar suġġett tekniku għall-aħħar u li jitlob għarfien tajjeb empiriku tal-elementi li jsawru l-karatteristiċi ta’ kif wieħed jagħraf il-kitba ta’ ħaddieħor. B’żieda ma’ dan, l-elementi li ntużaw biex l-espert wasal għall-fehma tiegħu kienu kollha misluta minn firem li l-imħarrek għamel minn rajh matul medda ta’ żmien u li bl-ebda mod ma ntwera li ttieħdu b’qerq jew bi ħsara tiegħu;

Illi l-Qorti qegħda minħabba f’hekk taċċetta l-fehma li wasal għaliha l-espert Gaffiero. Dan iwassal għal konklużjoni li l-imħarrek ma kienx qed jgħid is-sewwa meta ħalef li l-firma li hemm fuq il-kambjala ma kinitx tiegħu u li kienet falza. Intwera l-oppost u, minkejja dan, l-imħarrek xorta waħda ma raġax lura mill-pożizzjoni li ħa. Minħabba f’hekk il-kawża twalet għalxejn minħabba fih. Għal għamil bħal dan, il-liġi turi stmerrija u tagħti sanzjoni. L-abbli difensur tal-attur, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu, ukoll fakkar lill-Qorti dwar il-konsegwenzi ta’

---

[8] Paġġ. 38 sa 47 tal-proċess
[9] Dokti “BFI” u “BFII”, f’paġġ. 34 sa 37L tal-proċess
[10] Dok “JVI”, f’paġ. 55 tal-proċess
[11] Dok “JL1”, f’paġ. 12 tal-proċess
[12] Xhieda ta’ Joseph Vella 29.5.1997, f’paġ. 53-4 tal-proċess
[13] Art 681 tal-Kap 12
[14] App. Kumm. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)

strateġija bħal din li sservi biss biex ittawwal il-proċess tas-smigħ tal-kawża u żżid l-ispejjeż għal xejn;

Illi, għal kull fini, jingħad ukoll li lanqas it-tieni eċċezzjoni m'għandha mis-sewwa, għaliex intwera ċar waqt is-smigħ tal-provi[15] li l-kambjala nħarġet għall-prezz ta' bejgħ lill-istess imħarrek ta' karozza u l-ispejjeż amministrativi marbuta ma' dak il-bejgħ. Ma jistax, għalhekk, jitwemmen li meta nħarġet il-kambjala ma kienx hemm *causa obligationis* bejn it-traent u l-aċċettant. Dan, naturalment, jingħad bla ħsara għall-element tal-awtonomija kummerċjali tal-kambjala in kwestjoni bħala dokument ta' titolu, li hija karatteristika ewlenija magħrufa sa minn dejjem fid-dritt[16];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħdsa tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-imħarrek;

Filwaqt li tastjeni milli tqis iżjed l-**ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet tal-25 ta' Settembru, 1996, li ta lill-imħarrek il-jedd li jressaq Nota tal-Eċċezjonijiet;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjarah debitur tal-attur fis-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltija (Lm 4,600), import ta' kambjala minnu aċċettatau maturata;

**Tikkundanna** lill-istess imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltija (Lm 4,600);

**Tiddeċiedi** li l-imħarrek xehed falz f'din il-kawża meta qal li l-firma tal-aċċettant fuq il-kambjala ma kinitx tiegħu, u, għall-finijiet tal-artikolu 601 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat minnufih kopja tal-atti tal-kawża lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex jitmexxa l-proċediment skond il-liġi; u

---

[15] Xhieda ta' Joseph Vella 26.6.1997, f'paġġ. 48-9 tal-proċess

[16] Ara, per eżempju, Kumm. VRS **8.3.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Aldo Vella noe vs Vincent Lofaro pro et noe*** (mhix pubblikata)

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, magħduda magħhom l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija kambjala, li jibdew jgħaddu b'effett mill-25 ta' Ottubru, 1991, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------